**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 25**

**L-ERBGĦA 28 TA' AWWISSU FIL-5.15PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR. JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU – wasal 5.55PM |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER- wasal 8.00PM |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| RENE ROSSIGNAUD | KUNSILLIER – wasal 6.00PM |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillier P.Fenech ma setax jkun preżenti minhabba li kien msiefer.

**TALBA**

IS- SINDKU QAL IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI U RAPPORTI FINANZJARJI

1. Il-Minuti tas-Seduti nru.23 u nru.24 ġew approvati. Is-Sindku ppropona u il-Kunsillier R.Rossignaud issekonda.

2. Is-Sindku ppropona sabiex tigi sospiza din il-laqgha sabiex l-Accountants tal-Kunsill jispjegaw fid-dettal ir-rapporti finanzjarji ta' l-ewwel u t-tieni kwart ta' din is-sena. Ir-rapport intbaghtu permezz ta' email minn qabel lil kull kunsillier. Wara spejgazzjoni fid-dettal mill-Accountants tal-Kunsill dwar kull nefqa u fond, dawn gew approvati b'mod unanimu. Il-Kunsillier A. Curmi ssostna li huwa ferm importanti li fil-futur f'dawn ir-rapporti jkun hemm mnizzel ukoll il-figuri attwali sabiex kulhadd jkun jitsa' jikkompara. li Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier M. Abela issekondat.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

<u>Mis-Sindku</u>

1. Is-Sindku informa li minflokk kif mitlub mill-Kunsill li ssir barrier quddiem is-7 villel fi Triq il-Qasam saret bankina u din giet ordnata li ssir mill-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsill unanimament qabel li din tibqa' kif inhi pero' nstaqsu ghall-approvazzjoni ta' Transport Malta dwar il-possibilta' li parkegg issir biss ghall- vetturi zghar. Is-Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jikkomunika ma' Transport Malta.

<u>Mill-Vici Sindku</u>

1. Il-Vici Sindku nforma li fl-ahhar jiem rcevejna konferma bil-mitkub minn naha tal-Water Service Corporation li xogholijiet ta' kostruzzjoni fi Triq l-Inginier se jkunu responsabli ghaliha huma. Huwa ssugerixxa biex tintbaghat ittra lill-Kuntrattur Schembri Ltd. sabiex ninfurmawh li din l-istess triq se tinqata' mill-kuntratt originali tieghu.

<u>Mill-Kunsillier A. Curmi</u>

1. Il-Kunsillier rega' staqsa jekk saritx il-laqgha pjanata mal-kumpanija FELTOM..Is-Sindku nforma li din il-laqgha ghadha ma saritx pero' huwa pjanat li ssir mill-aktar fis possibli.

<u>Mill-Kunsillier M. Abela</u>

1. Il-Kunsillier staqsiet jekk saritx il-laqgha mal-Kunsill Lokali tal-Gharghur dwar il-proposta tal-one way fi Triq St. Katerina u Triq is-Sebh. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li skond suggeriment tas-Sindku tal-Gharghur, il-Kunsill Lokali tas-Swieqi baghat permezz ta' email is-suggeriment tieghu pero' sa issa ma waslet l-ebda risposta. Is-Segretarju Ezekuttiv li jitkellem dirett mas-Sindku tal-Gharghur.

**HUGH ZAMMIT** — **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** — **SINDKU**

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku pprezenta rapport idettaljat dwar il-hidma tieghu. Dan ir-rapport se jkun anness ma' dawn il-Minuti – App. A.

2. Huwa rrefera ghall-korrispondenza li konna ktibna lill-MEPA dwar cint li hiereg ghal fuq il-bankina fi Triq il-Qasam. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-MEPA hadu l-passi neccessarji peress li huwa gie nfurmat li intbaghtet ittra lill-resident. Is-Sindku staqsa sabiex mill-aktar fis jerga' jsir kuntatt mal-MEPA dwar din il-materja.

3. Rigward il-Gnien pubbliku FX Ebejer fi Triq is-Swieqi, is-Sindku ppropona sabiex tintalab stima ghall-fencing ta' l-injam ma' dawra kollha ta' dan il-gnien. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din il-proposta.

4. Is-Sindku nforma li minhabba li bhalissa ghaddej strike generali min-nurses, is-servizz tal-berga gie sospiz. Huwa ssugerixxa sabiex tintbaghat ittra lid-Dipartiment tas-Sahha sabiex b'xi mod tinholoq xi soluzzjoni u din is-sitwazzjoni ghall-inqas fil-lokalita' taghna tissolva peress li hafna residenti qed juzaw b' mod frekwenti dan is-servizz.

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

<u>Mill-Viċi Sindku Dr. Justin Fenech</u>

1. Il-Vici Sindku pprezenta rapport idettaljat li se jkun aness ma' dawn il-Minuti ( App. B).

<u>Mill-Kunsillier R. Rossignaud</u>

1. Il-Kunsillier R. Rossignaud staqsa ghala l-*parking bays* ta' quddiem ir-residenza tieghu faccata ta' Gnien FX Ebejer gew irrifreskati. Il-Kunsillier A. Curmi pprezenta kopja ta' ittra li l-Kunsill rcieva minn Transport Malta fejn informaw li x- xoghol ta' zebgha mehtieg ta' dawn il-linji se jkunu fir-responsabilta' taghhom sabiex jigi evitat kull dizgwit.

Il-Kunsillier A. Curmi talab biex jigi skuzat imma peress li ma kien fadal hafna hin sabiex jigu diskussi affarijiet pendenti ohra. Huwa nforma li se jibghat email b'dawn l-affarijiet u se jkun aness ma' dawn il-Minuti. Il-hin kien 8.00pm.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu

Mill-Kunsillier M. Abela

1. Il-Kunsillier infurmat li kellha kuntatt ma' St. John Rescue Group sabiex dawn jkunu jistghu jippartecipaw fis-Swieqi Fest ta' din is-sena. Dawn accetaw li jiehdu sehem u l-Kunsill qabel unanimament.

2. Rigward Nothern Harbour Local Plan, hija nfurmat li skond l-informazzjoni li ghandha fil-lokalita' taghna se jsiru 3 laqghat li jinkludi laqgha pubblika . Dwar dan il-pjan, l-ewwel laqgha li se tkun rigward il-Madliena se ssir nhar it-Tlieta 17 ta' Settembru 2013 fl-ufficini tal-Kunsill fl-10am. Se jkunu prezenti ukoll rapprezentanti mill-MEPA.

3. Hija rreferiet ghat-tqassim ta' l-ufficini fil-bini l-gdid ta' Centru Civiku, fejn l-istaff tal-Kunsill inghata c-cans li jzur l-ufficini l-godda u huma ssugerew certu proposti li se jigu kkunsidrati bir-reqqa.

Mill-Kunsillier C.Said

1. Il-Kunsillier infurmat li ghamel kuntatt mal-banda ta' Mark Spiteri Lucas dwar il-possibilta' li dawn jippartecipaw fis-Swieqi Fest 2013. Dawn accettaw u se jgibu maghhom ukoll 3 kantanti ohra.

2. Hija nfurmat li Skola Sajf'13 se tigi fi tmiemha fis-6 ta' Settembru 2013. Fi tmien ta' l-ahhar gurnata ta' l-iskola bhal ma sar fi snin ohra se jkun hemm riceviniment zghir ghat-tfal kollha.

Mill-Kunsillier M. Fava

1. Il-Kunsillier irrefera ghall-applikazzjoni gdida tal-MEPA sabiex jkun hemm bdil ta' uzu f' garage nru.30 fi Triq il-Kwarta, Ibrag. Huwa nforma li kellu diversi lmenti minnghand residenti li jekk dan jigi approvat se jizdied traffiku u l- istorbju f' din iz-zona b' mod sssotenzjali. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Is-Segretarju Ezekuttiv ha l-inakirgu li jibghat lill-MEPA din il-korrispondenza.

2. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-possibilta' li Triq il-Migbed issir 2 way halli jizdied l-access ghan-naha ta' fuq tal-lokalita'. il-Kunsill unanimament qabel li din il-proposta u gie deciz li jsir rikwest lit-Tranport Malta ghall-approvazzjoni taghhom.

3. Il-Kunsillier irraporta dwar kostruzzjoni li qed ssir fi Triq l-Istasija u li l-haddiema qed ihallu kompressur kbri jahdem il-hin kollu u li dan qed idejjaq lill-girien. Is-Segretarju Ezekuttiv ha l-inkairgu li jmur fuq sit u jindaga dwar dan.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV** **SINDKU**

## V APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEĦOR

L-iskeda tal-pagamenti nru.64 ġiet approvata wara li saru xi aġġustamenti rikjesti mill-Kunsillier A. Curmi permezz ta' email datat 26 ta' Awwissu 2013 li se jkun aness ma' dawn il-Minuti App. C. Kien hemm qbil unanimu mill-kunsillieri kollha prezenti.

Din il-laqgħa spiċċat fit-8.45pm u saru aggornament ghal nhar l-Erbgha 25 ta' Settembru 2013 fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**